27

TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 101/17/F

**Ian Bellia**

**vs**

**Styles Apertures Limited**

Illum, 1 t'Ottubru, 2019

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fid-29 ta' Mejju, 2017 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' tlett elef, erba' mija u erbgħa u disgħin Ewro (€3,494), rappreżentanti ħsarat li ġraw wara li ġew installati twieqi fil-post tiegħu.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għall-ewwel seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien ordna diversi twieqi fil-post tiegħu u wara ċertu żmien dawn it-twieqi bdew jitkissru.

L-intimat issottometta illi jekk ikun hemm *thermal break*, it-twieqi għalhekk jinqasmu.

It-Tribunal, jinnota illi anke minkejja diversi wegħdiet mingħand l-intimat, li kellu jirranġa dawn it-twieqi, xorta dana m'għamlux.

It-Tribunal, qed jagħti tort lis-soċjeta' ntimata ta' dawn in-nuqqasijiet fit-twieqi.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' tlett elef, erba' mija, u erbgħa u disgħin Ewro (€3,494), rappreżentanti danni li subixxa r-rikorrenti f'dawn it-twieqi, u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888